# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 14**

**Ċitazzjoni numru 286/13/1 AF**

**Sullivan Maritime Limited (C-20340)**

**v.**

**Agritrans Logistics Limited (C-45380)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta` attriċi Sullivan Maritime Limited tal-25 ta' Marzu, 2013, li permezz tiegħu ngħad:

> *"Illi s-socjetà attrici giet inkarigata mis-socjetà konvenuta sabiex tirrendi servizz ta' noll (freight) u servizzi ohra relatati mal-garr ta' merkanzija f'diversi okkazjonijiet separati ghall-beneficcju tal-istess socjetà konvenuta.*
>
> *Illi kif jirrizulta mis-"Summary Statement" mahrug mis-socjetà attrici u datat ghoxrin ta' Marzu 2013 (hawn anness u mmarkat bhala "Dok.*

*SML 1" A-G) is-socjetà attrici ma thallsitx tas-servizzi kollha rezi u ghaldaqstant hija kreditrici tal-kumpannija intimata fis-somma totali ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u sitta u hamsin Ewro u seba' Ewro centezmi (€23,156.07) rapprezentanti kif ser jigi spjegat:*

*Illi l-bilanc ta' sebat elef, sitt mija u erba' Ewro u tnejn u sittin Ewro centezmu (€7,604.62) huwa dovut ghal servizzi rezi sat-tnejn u ghoxrin ta' Novembru elfejn u tnax (2012). Din is-somma dovuta kienet tammonta ghal wiehed u tletin elf Ewro, disa' mija u erba' Ewro u tnejn u sittin Ewro centezmu (€31,904.62) izda minnhom thallset is-somma ta' erba' u ghoxrin elf Ewro (€24,000). (Ricevuti ghal dan il-perjodu annessi u mmarkati bhala "Dok. SML 1 A").*

*Illi l-ammont ta' disat elef, mija u hamsin ewro u tlieta u disghin Ewro centezmu (€9,150.93) huwa dovut ghal servizzi rezi mid-dsatax ta' Novembru elfejn u tnax sal-ghoxrin ta' Dicembru elfejn u tnax. (Ricevuti ghal dan il-perjodu annessi u mmarkati bhala "Dok. SML 1 B").*

*Illi l-ammont ta' sitt elef, mija u hamsa u ghoxrin Ewro u wiehed u tletin Ewro centezmu (€6,125.31) huwa dovut ghal servizzi rezi mill-perjodu tal-erbgha ta' Jannar elfejn u tlettax (2013) sat-tnejn u ghoxrin ta' Jannar elfejn u tlettax. (Ricevuti ghal dan il-perjodu annessi u mmarkati bhala "Dok. SML 1 C").*

*Illi l-ammont ta' tlett mija u hamsa u tletin Ewro u tmienja u sebghin Ewro centezmu (€335.78) huwa dovut ghal servizzi rezi fl-erbgha u ghoxrin ta' Jannar elfejn u tlettax. (Hawn annessa u mamrkata bhala "Dok. SML 1 D").*

*Illi l-bilanc ta' sittin Ewro u sebgha u hamsin Ewro centezmu favur is-socjetà Agritrans (€60.57) ghandu jitnaqqas mill-ammonti hawn fuq imsemmija ghaliex inhargu credit notes ghal perjodu Jannar elfejn u tlettax sa Frar elfejn u tlettax (hawn annessi u mmarkati bhala "Dok. SML 1 E") biex b'hekk l-ammont finali dovut lill-kumpannija attrici huwa ta' €23,156.07) oltre l-imghaxijiet legali.*

*Illi in oltre, s-Sur Anthony Schembri ghan-nom tas-socjetà konvenuta u bhala rapprezentant tal-istess socjetà konvenuta, filwaqt li kien hareg diversi blank cheques (kopja hawn annessa u mmarkati bhala "Dok. SML 1 F") bhala forma ta' garanzija ta' hlas lill-kumpanija attrici ghall-istess servizzi tal-kumpannija attrici, sussegwentement qal illi dawn ic-cheques ma kellhomx u m'ghandhomx jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-ammonti hekk dovuti kif suespost.*

*Illi dawn ic-cheques huma BOV cheque number 654 u datat sitta u ghoxrin ta' Novembru elfejn u tnax; BOV cheque number 666 u datat sebgha ta' Jannar elfejn u tlettax; u BOV cheque number 672 u datat erbgha u ghoxrin ta' Jannar elfejn u tlettax. Il-kumpanija esponenti ghamlet diversi talbiet ghall-hlas tal-ammont dovut u dan anke ricentement billi intavolat ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-*

*Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ("Dok. SML 2" u "Dok. SML 3") rispettivament izda din baqghet inadempjenti.*

*Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) stante li l-ammonti fuq imsemmija huma certi, likwidi u dovuti u l-kumpannija konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-istess ammont u taf lilha nnifisha bil-fatti kif fuq dikjarati.*

*Ghaldaqstant il-kumpannija attrici titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12.) u:*

*1. Tiddikjara lill-kumpanija konvenuta debitrici tal-kumpanija attrici fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u sitta u hamsin Ewro u seba' Ewro centezmi (€23,156.07) oltre l-imghaxijiet legali rapprezentanti l-prezz ta' xoghol u servizzi ta' nol (freight) u servizzi ohra relatati mal-garr ta' merkanzija f'diversi okkazzjonijiet ghall-beneficcju tal-kumpanija intimati; u*

*2. Tordna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici l-kreditu infraskritt ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u sitta u hamsin Ewro u seba' Ewro centemzmi (€23,156.07) oltre l-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 161/2013 u tal-ittra Ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 Numru 29/2013 tal-5 ta' Frar 2013 u bl-ingunzjoni tal-kumpanija konvenuta ghas-subizzjoni."*

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` konvenuta Agritrans Logistics Limited li permezz tagħha eċċepiet:

*"1. Illi preliminarjament, l-ammont pretiz mhux dovut kollu, kif se jirrizulta ahjar waqt Is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*2. Illi s-socjetà rikorrenti kellha fil-pussess taghha, cekkijiet in bjank, u liema jkopru l-ammont dovut lilhom mis-socjetà intimata (esebiti u mmarkati komplessivament bhala "Dok. SML 1 F" mis-socjetà rikorrenti stess, mar-Rikors Promotur).*

*3. Illi kienet is-socjetà rikorrenti stess illi ghazlet illi ma ssarafx dawn ic-cekkijiet, u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi jew fuq xi struzzjonijiet tas-socjetà intimata f'dak is-sens.*

*4. Illi ghaldaqstant is-socjetà intimata m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti. "*

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Lulju, 2016, li permezz tagħha, il-kawża fl-ismijiet premessi ġiet deċiża fis-sens illi laqgħet l-ewwel talba attriċi u ddikjarat li s-soċjeta` Agritrans Logistics Limited hija debitriċi ta' Sullivan Maritime Limited fl-ammont ta' tmintax-il elf u ħames Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€18,005.48); kif ukoll ordnat lis-soċjeta` Agritrans Logistics Limited tħallas dan l-ammont lil Sullivan Maritime Limited. Bl-imgħax a tenur tal-Artikolu 26A et seq. tal-Kodiċi Kummerċjali. Spejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u ittra uffiċjali tal-5 ta' Frar, 2013, jitħallsu minn Agritrans Logistics Limited.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti ssib illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' €18,005.48*[1] *oltre l-imgħax legali rappreżentanti l-prezz ta' xogħol u servizzi ta' nol (freight) u servizzi oħra relatati li saru mis-soċjetà attriċi għall-benefiċċju tas-soċjetà konvenuta. Għaldaqstant, qiegħed jintalab illi s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tħallas l-ammont imsemmi, bl-imgħax, mid-data tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv. Is-soċjetà konvenuta laqgħet għat-talbiet attriċi billi eċċepiet illi l-ammont pretiż mhuwiex dovut kollu u li fi kwalunkwe każ is-soċjetà attriċi kellha fil-*

[1] Dan huwa l-ammont finali ddikjarat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi wara li fil-mori tal-kawża tħallas l-ammont ta' €5000 kif ukoll ġie ddikjarat li għandu jitnaqqas l-ammont ta' €150.59 peress li nstabu żbalji fil-fatturi in kwistjoni.

*pussess tagħha blank cheques illi hija setgħet sarrfet sabiex minnhom jitħallas l-ammont dovut.*

*Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet tagħmel użu mis-servizzi ta' nol (freight) li tipprovdi s-soċjetà attriċi. Jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet tħallas lis-soċjetà attriċi permezz ta' diversi blank cheques, iżda qam xi diżgwid bejn il-partijiet peress illi skont is-soċjetà konvenuta kien hemm diversi żbalji fil-fatturi maħruġa mis-soċjetà attriċi u għaldaqstant, rappreżentanti tas-soċjetà attriċi jispjegaw illi Anthony Schembri, rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, tahom struzzjonijiet sabiex ma jsarrfux aktar cheques. In vista ta' dan, is-soċjetà attriċi tgħid illi huwa dovut lilha l-ammont riklamat minnha. Mill-fatturi esibiti mar-rikors promotur jirriżulta li l-ammont riklamat ikopri fatturi maħruġa minn Jannar 2012 sa Frar 2013.*

*Anthony Schembri, jikkonferma li mill-ammont kollu li qiegħda titlob is-soċjetà konvenuta, l-ammont kontestat huwa ta' madwar €6,200 u għaldaqstant din hija ammissjoni da parti tas-soċjetà konvenuta li l-bqija tal-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi huwa dovut. Minkejja dan, ma jirriżultax illi fil-mori tal-kawża tħallas l-ammont mhux ikkontestat, ħlief għall-ammont ta' €5,000 li ġie ridott skont nota ta' riduzzjoni li permezz tagħha s-soċjetà attriċi rriduċiet it-talba tagħha b'dan l-ammont.*

*Fir-rigward tal-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta li l-ammont li mhuwiex ikkontestat seta' tħallas billi s-soċjetà attriċi ssarraf il-blank cheques li kienu fil-pussess tagħha, xehdu Cynthia Farrugia u Jesmond Zammit, rappreżentanti tas-soċjetà attriċi, li kkonfermaw illi Anthony Schembri kien ta struzzjonijiet lil Cynthia Farrugia, biex ma jissarfux cheques minħabba li ma kienx hemm qbil dwar l-ammont dovut. Anthony Schembri, fix-xhieda tiegħu, jgħid illi "Jien kont bqajt bil-ftehim ma' Sullivan illi c-cheques jissarfu meta l-kontijiet jitranġaw."*[2] *Iżda fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ssib illi hija aktar verosimili x-xhieda tar-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi li huma ngħataw struzzjonijiet ċari sabiex ma jsarrfux aktar cheques. Fil fehma tal-Qorti ċ-ċirkostanzi juru li din id-deċiżjoni ma kienet xejn riżultat ta' ftehim bejn il-partijiet. Is-soċjetà attriċi ċertament illi ma kellha ebda raġuni għalfejn tiftiehem li ma ssarrafx dawn ic-cheques, għallinqas għall-ammont mhux ikkontestat, li kieku ma ġietx imwaqqfa speċifikament milli ssarrafhom minn Anthony Schembri, u fi kwalunkwe każ, ma ġiex spejgat minn Anthony Schembri għaliex minkejja li s-soċjetà konvenuta qiegħda tikkontesta biss madwar terz tal-ammont mitlub, ma tħallasx l-ammont mhux ikkontestat. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.*

*Fir-rigward tal-ammont kontestat, Anthony Schembri xehed u ppreżenta diversi fatturi kif ukoll kopji ta' emails f'dan ir-rigward. Jirriżulta li l-ammont kontestat mis-soċjetà konvenuta jammonta għall €6,294.57. Minn dan l-ammont, hemm €2,401 li Anthony Schembri*

[2] Vide xhieda a fol. 146 et seq. tal-proċess

*jgħid illi tħallas żejjed lis-soċjetà attriċi fuq fatturi tas-sena 2010, u €3,893.57 li huwa jgħid illi huma mitluba żejda mis-soċjetà attriċi fuq il-fatturi mertu tal-kawża. Huwa ppreżenta diversi fatturi tas-sena 2010 għaliex isostni li s-soċjetà li huwa jirrappreżenta ħallset ammonti li ma kienux dovuti lis-soċjetà attriċi fuq dawn il-fatturi kif ukoll ippreżenta diversi fatturi oħra li huma mertu tal-proċeduri odjerni fejn huwa jsostni li hemm diskrepanzi bejn l-ammont mitlub u dak dovut għas-servizzi attwalment provduti mis-soċjetà attriċi.*

*Minn naħa tiegħu, Joseph Bugeja, rappreżentant tas-soċjetà attriċi xehed u ppreżenta dokumenti sabiex isostni l-pożizzjoni tas-soċjetà attriċi li fil-maġġor parti, kemm il-fatturi tas-sena 2010 li għamel riferenza għalihom l-konvenut, u kemm dawk mertu tal-kawża, huma korretti. Filfatt huwa spjega fid-dettal għaliex is-soċjetà attriċi ma taqbilx illi hemm żbalji fil-fatturi mertu tal-kawża lil Joseph Bugeja rriżultalu biss illi kien hemm diskrepanza ta' madwar €150 u fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà attriċi tgħid illi dan l-ammont għandu jitnaqqas ukoll mill-ammont komplessiv mitlub minnha, biex b'hekk l-ammont finali tat-talba attriċi huwa ta' €18,005.48.*

*Fir-rigward tal-fatturi mħallsin tas-sena 2010 u li mhumiex mertu ta' dawn il-proċeduri, Anthony Schembri jibbaża l-allegazzjoni tiegħu li kien hemm diskrepanza ta' €2,401 li tħallas żejjed mis-soċjetà konvenuta fuq quotation maħruġa mis-soċjetà attriċi fl-aħħar tas-sena 2009, liema quotation kienet valida sa nofs is-sena 2010. Iżda fil-fehma tal-Qorti dan ma kienx biżżejjed biex is-soċjetà konvenuta tipprova dak allegat minnha. Jibda biex jingħad illi s-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda eċċezzjoni fir-rigward tal-fatturi mħallsa għas-sena 2010. L-eċċezzjoni tagħha kienet fis-sens illi mill-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi għall-fatturi li għadhom ma tħallsux mhuwiex dovut l-ammont kollu, u mhux li fil-passat is-soċjetà konvenuta kienet ħallset żejjed. Fit-tieni lok, Joseph Bugeja jikkonferma li l-ammont mitlub f'dawk il-fatturi tal-2010 jikkorrespondi mar-rati stabbiliti mis-soċjetà Taljana Grimaldi Group u fil-fatt huwa esebixxa kopja tar-rati applikabbli. Kien biss wara li Joseph Bugeja spjega r-rati tas-soċjetà attriċi li Anthony Schembri esebixxa din il-quotation, li dwarha qal biss illi huwa qiegħed jibbaża d-diskrepanzi fil-fatturi tal-2010 fuqha.*

*Il-Qorti tinnota wkoll illi minkejja li fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2015 Anthony Schembri ġie ordnat mill-Qorti sabiex jelenka dawk l-'items' li ma jaqbilx magħhom mir-rendikont dettaljat illi kien ta Joseph Bugeja, kemm għall-fatturi tal-2010 li huma mħallsa u kemm dawk mertu tal-kawża li huma kontestati, liema dokument kellu jiġi notifikat lill-kontro parti bi dritt għal tweġiba, huwa ma għamel xejn minn dan iżda għażel li jikkumenta dwarhom fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta u dan minkejja li l-Qorti ddikjarat illi l-provi huma magħluqa permezz ta' digriet datat 16 ta' Frar 2015.*

*Fir-rigward tal-kummenti tas-soċjetà attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha dwar l-ammont allegatament mħallas żejjed fuq l-fatturi tal-*

*2010, il-Qorti ssib illi fi kwalunkwe każ kif diġà ngħad ma taqbilx mal-konklużjonijiet ta' Anthony Schembri li huwa ħallas żejjed abbażi tal-quotation eżebita minnu. Kien jispetta lilu li jipprova li din il-quotation kienet dik applikabbli u fi kwalunkwe każ, kif diġa ntqal ma tressqet ebda eċċezzjoni fis-sens illi tħallas xi ammont żejjed fuq dawn il-fatturi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta ssir riferenza wkoll għall-email, li l-Qorti qiegħda tippreżumi li hija l-email a fol. 176 tal-proċess li jagħmel riferenza għaliha Anthony Schembri fix-xhieda tiegħu. Iżda din l-email sempliċiment tirreferi għall-vjaġġ partikolari u tgħid hekk 'Above truck will be charged at...' mingħajr ma lanqas tagħmel riferenza għal xi fattura speċifika u ma tistax il-konvenuta tippretendi li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tallega li kien hemm żbalji f'dawn il-fatturi abbażi ta' din l-email, li fuq kollox kif diġa ngħad bl-ebda mod ma tikkorrobora dak li qegħda tgħid is-soċjetà konvenuta. Dwar il-kummenti fin-nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward tal-fatturi mertu tal-kawża, l-Qorti ssib illi dawn il-kummenti huma mingħajr ebda bażi in kwantu li ma tressqet ebda prova ta' dak allegat. Ma tistax is-soċjetà konvenuta tippretendi li tagħmel dikjarazzjonijiet mhux ipprovati fin-nota ta' sottomissjonjiet tagħha, u fi kwalunkwe każ, u b'riferenza għall-kumment dwar il-fattura bin-numru 10053098 fejn is-soċjetà konvenuta tgħid illi trailer TR1188 ma kienx inġarr mis-soċjetà attriċi f'din id-data, jirriżulta li l-email li tagħmel riferenza għaliha s-soċjetà konvenuta, u ċioè dik a fol. 187 tal-proċess mibgħuta minn rappreżentant tas-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta tgħid proprju l-oppost:*

> "*All records are indicating that TR 1188 has been shipped by Agritrans on our service. To this effect, unless you are in a position to submit any documentation contradicting the above, invoice will have to stand as valid and due."*

*Huwa inaċċettabbli li s-soċjetà konvenuta tipprova tressaq provi ġodda permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, kif effetivament għamlet f'dan il-każ fejn allegat li l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi għandu jiġi ridott għal raġunijiet bħal diskrepanzi fil-ħinijiet ta' meta allegatament ħarġu t-trakkijiet, minn fejn telaq il-vapur u kienx qiegħed jintuża trailer partikolari, liema diskrepanzi qatt ma ssemmew qabel mis-soċjetà konvenuta. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Josephine Sammut et vs Lorenzo Agius et, deċiża fit-28 ta' Novembru 1996, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001:*

> "*Dak li jingħad mid-difensuri fit-trattazzjoni orali jew skritta ma jikkostitwixxix prova" (App. Ċiv. Chircop vs. Dr. Fr. Frendo Randon noe 12/10.79) u għalhekk l-atturi ma jistgħux fit-trattazzjoni tagħhom jagħmlu provi u jġibu difiżi li ma tqajjmux waqt il-kawża."*

*B'żieda ma dan, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà konvenuta tgħid illi l-ammont komplessiv illi għandu jitnaqqas mill-ammont riklamat mis-soċjetà attriċi jammonta għall €7098.73, u dan meta Anthony Schembri fix-xhieda tiegħu jikkonferma li huwa qiegħed jikkontesta biss l-ammont ta' €6,294.57. Għaldaqstant ċertament illi l-*

*Qorti ma tistax taċċetta li ssir din il-forma ta' prova ġdida permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet.*

*Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Vincent Brincat vs Anna Caruana, deċiża fit-23 ta' Ġunju 2004 li saret riferenza għaliha mis-soċjetà attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha fejn ingħad hekk:*

> "*Kif deċiż fis-sentenza a Vol XXXIX pII p585, "hawn tqum il-kwestjoni ta' min għandu jagħmel il-prova. F'dan irrigward jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-kreditur u d-debitur tal-obbligazzjoni. Il-kreditur għandu jipprova linadempjenza tad-debitur, li tista' tikkonsisti anke f'sempliċi dewmien; għandu jiddemostra fatt li fih innifsu jkollu l-impronta tal-ħtija tad-debitur. Wara li tkun saret mill-kreditur din il-prova, jaqa' fuq id-debitur l-oneri li jipprova li dak l-inadempjent kien dovut għal xi haġa barranija ("causa estranea") li tagħha huwa ma kienx responsabbli, jiġifieri illi huwa ma kellux ħtija billi kien mexa bid-diliġenza ta' "bonus paterfamilias" (Art 1175 (1) u Art 1176, illum Art 1132 u 1133 tal-Kodiċi Ċivili). Jekk imbagħad id-debitur ma jasalx għal din il-prova huwa jkun fi ħtija u jidħol responsabbli għad-danni, u f'każ ta' obbligazzjoni li jkollha bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, d-danni li jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni tagħha jikkonsistu fl-imgħax.*""

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta Agritrans Logistics Limited, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Lulju, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi u konsegwentement tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u b'hekk tiċħad iż-żewġ talbiet attriċi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjeta` Sullivan Maritime Limted, li permezz tagħha wieġbet ir-rikors tal-appell fis-sens illi l-appell tas-soċjeta` appellanti għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Lulju, 2016, ikkonfermata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellanti.

7. Rat li d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx xi jżidu mal-atti tal-appell u ddikjaraw li l-appell jista' jibqa' għas-sentenza.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

9. Illi din il-kawża tressqet mis-soċjeta` attriċi Sullivan Maritime Limited sabiex is-soċjeta` konvenuta Agritrans Logistics Limited tiġi dikjarata debitriċi tagħha fl-ammont ta' €23,156.07 (sussegwentement ridott għal €18,005.48), kif ukoll l-imgħax legali, bħala l-bilanċ tal-prezz ta' xogħol, servizzi ta' noll (freight) u servizzi oħra relatati mal-ġarr ta' merkanzija, li sar għall-benefiċċju tas-soċjeta` konvenuta, fuq medda ta' żmien. Kwindi s-soċjeta` attriċi talbet li s-soċjeta` konvenuta tiġi ordnata tħallas l-kreditu dovut lilha, oltre l-imgħax legali dovut mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess soċjeta` konvenuta.

10. Is-soċjeta` konvenuta wieġbet li (i) l-ammont pretiż mhux kollu dovut; (ii) is-soċjeta` attriċi kellha ċekkijiet in bjank sabiex jagħmlu tajjeb għall-ammont dovut mis-soċjeta` konvenuta; (iii) kienet is-soċjeta` attriċi li għażlet li ma ssarrafx dawn iċ-ċekkijiet u dan mingħajr ebda raġuni

valida fil-liġi jew fuq xi struzzjonijiet tagħha f'dan is-sens; (iv) għalhekk hija m'għandhiex tbati spejjeż ta' dawn il-proċeduri.

11. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz tas-sentenza tagħha laqgħet it-talbiet attriċi u ddikjarat is-soċjeta` konvenuta Agritrans Logistics Limited debitriċi ta' Sullivan Maritime Limited fl-ammont ta' €18,005.48. Ordnat lis-soċjeta` konvenuta tħallas dan l-ammont lil Sullivan Maritime Limited, bl-imgħax a tenur tal-Art. 26A et seq. tal-Kodiċi Kummerċjali. Bl-ispejjeż kollha jitħallsu mis-soċjeta` Agritrans Logistics Limited.

12. Is-soċjeta` Agritrans Logistics Limited ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha. L-appell tagħha jissejjes fuq numru ta' aggravji li jistgħu jinqasmu fi tlieta:

(i) li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti meta ddeċidiet li tilqa' t-talbiet attriċi. Hija tilmenta li l-ewwel Qorti skartat l-ħlasijiet żejda li hija wettqet fl-2010 peress li l-ewwel eċċezzjoni tagħha tirreferi biss għall-ħlasijiet pretiżi mis-soċjeta` attriċi għas-sena 2012, iżda kemm il-pretensjonijiet attriċi, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tagħha ma kenux limitati għas-sena 2012. Inoltre s-soċjeta` appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti ma eżaminatx jew m'evalwatx sew il-kontestazzjoni tagħha, altrimenti t-talbiet attriċi kienu jiġu miċħuda, billi ma jirriżultawx debitament ippruvati. Dan

jingħad minnha peress li hemm numru kbir ta' żbalji fil-fatturi u l-konteġġi tas-soċjeta` attriċi, li l-appellata stess tikkonċedi. Hija tispjega kif fil-fehma tagħha, l-parti kbira tal-iżbalji saru minħabba li ġew applikati rati differenti minn dak li kien miftiehem bejn il-partijiet.

(ii) Is-soċjeta` appellanti tilmenta wkoll li l-ewwel Qorti nvertiet l-oneru tal-prova meta qalet li hija naqset milli tipprova li hemm dawn l-istimi bejniethom. Tikkontesta dak li jingħad mill-ewwel Qorti li hija ressqet provi ġodda permezz tas-sottomissjonijiet tagħha, peress li d-dokumenti kollha jinsabu esebiti in atti u kkonfermati bil-ġurament mir-rappreżentant tagħha, iżda n-nota saret sabiex tispjega aħjar dak li ġie esebit in atti. Tisħaq li ladarba kienet is-soċjeta` attriċi li qiegħda tallega debitu, kien jispetta lilha li tipprova dak id-debitu skont l-Artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ukoll skont il-prinċipju tal-*onus probandi.*

(iii) Is-soċjeta` appellanti tikkontendi li l-kawża ma setgħet qatt tiġi deċiża kontra tagħha kompletament, bl-imgħax u bl-ispejjeż, iżda kellu jkun hemm temperament tagħhom, kunsidrat li s-soċjeta` appellata kellha ċ-ċekkijiet fil-pussess tagħha, tant li fil-mori tal-proċeduri hija sarrfet wieħed minnhom u l-ammont mitlub mis-soċjeta` appellata ġie debitament ridott. Dan meta r-rappreżentant

tagħha dejjem insista li l-pagamenti kellhom isiru biss, u ladarba l-iżbalji jitranġaw.

13. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn is-soċjeta` appellanti tilmenta dwar l-apprezzament tal-ewwel Qorti li kif ingħad drabi oħra, din il-Qorti għandha s-setgħa li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat u tkun qiegħda tabdika mir-responsabbilita` tagħha jekk bħala Qorti tat-tieni grad, tonqos milli tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti. Madankollu, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-10 ta' Jannar, 2007, fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Lia v. Anthony Coreschi***:

> *"Fil-kumpless, is-sentenza tipprovdi kwadru ta' dawk l-elementi sostanzjali li fuqhom il-Bord ibbaza l-konvinciment tieghu u ta' l-iter minnu segwit fl-apprezzament tal-provi biex wasal ghal konkluzjoni proprja. Kien certament jirrientra fis-setgha diskrezzjonali tal-Bord dwar l-apprezzament tal-provi illi huwa jifforma gudizzju fuq l-attendibilita` u kredibilita` ta' certa xhieda invece ta' ohrajn jew li jiddetermina, fid-diskrezzjoni gudizzjarja tieghu, illi l-provi ta' l-appellanti kellhom jitqiesu insodisfacenti jew inattendibbli. Kif taraha din il-Qorti, il-Bord ha gharfien ta' l-elementi kollha tal-provi prodotti, ta' naha u ta' ohra. Jekk, imbaghad, hu deherlu li kellu jqieghed a fondament tad-decizjoni tieghu sors ta' prova ad eskluzjoni ta' ohra dan ma jfisserx illi ghaldaqshekk huwa okkupa ruhu minn provi parzjali biss. Hi, anzi, il-fehma ta' din il-Qorti illi huwa l-istess appellanti li bl-appell tieghu qed jinsisti fuq certi provi, jaghtihom ri-elaborazzjoni personali tieghu fit-tentattiv li b' hekk jikkontrapponi l-valutazzjoni proprja ghall-parti razzjonali tas-sentenza. Taht dan il-profil din il-Qorti ma ssibx li tista' ticcensura lill-Bord li dan ma ghamelx gudizzju sew u serju tal-provi;"*

14. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, u kif ingħad drabi ohra, huwa ritenut li l-fatt li l-ġudikant li jiddeċiedi l-kawża, juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex mill-provi in atti, jqis dawk il-provi l-aktar attendibbli u idoneji

li jwasslu għall-konvinċiment tiegħu, huwa parti mill-użu ta' diskrezzjoni li bih huwa mogħni. Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa l-ġudikant jista' jaċċetta x-xhieda ta' xi wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jsejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċertu provi, aktar milli oħra. Dan huwa l-eżerċizzju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Dik il-valutazzjoni mwettqa minn ġudikant tal-ewwel grad hija insindakabbli, sakemm tkun waħda raġonevoli u motivata sa fejn mibnija fuq provi riżultanti mill-proċess. Iżda huwa meħtieġ li din il-Qorti tara mill-ġdid l-atti, sabiex tasal għall-konklużjoni awtonoma tagħha dwar jekk l-eżerċizzju mwettaq mill-ewwel Qorti kienx wieħed raġonevoli jew le.

15. Wara li din il-Qorti eżaminat il-fatturi li fuqhom issejjes il-pretensjonijiet tagħha s-soċjeta` attriċi appellata, jirriżulta li dawn inħarġu bejn it-13 ta' Jannar, 2012 u s-7 ta' Frar, 2013 (ara ġabra sħiħa tal-kontijiet miġbura a fol. 84 sa fol. 87 tal-proċess) għal servizzi mogħtija mit-12 Diċembru, 2011, 'il quddiem (ara l-ewwel fattura a fol. 7 tal-proċess). Għalkemm is-soċjeta` appellanti eċċepiet li l-ammont pretiż mhuwiex kollu dovut u tgħaddi sabiex tirreferi għaċ-ċekkijiet maħruġa minnha (li ma fihom l-ebda ċifra mniżżla fihom) li setgħu jiġu msarrfa mis-soċjeta` appellata, kif ġustament osservat mill-ewwel Qorti, fl-eċċezzjonijiet tagħha ma semmiet xejn dwar xi ħlasijiet żejda mwettqa minnha fil-passat u lanqas għamlet xi kontro-talba għar-rifużjoni tal-ħlas żejjed allegatament imwettaq minnha. Huwa ġeneralment ritenut li l-

konvenut mhuwiex prekluż milli jadotta aktar minn sistema ta' difiża waħda, madankollu huwa normali li l-Qorti tiġbed l-inferenzi u tagħmel l-osservazzjonijiet li jidhrilha xierqa, jekk fil-kors tal-kawża, il-konvenut jibdel il-pożizzjoni tiegħu stess. Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-ħlasijiet allegatament li saru żejda fl-2010.

16. Dan jingħad ukoll fil-kuntest li minkejja li s-soċjeta` appellanti ngħatat diversi opportunitajiet mill-ewwel Qorti sabiex tressaq il-provi tagħha (ara b'eżempju l-verbal tas-27 ta' Frar, 2014, fejn is-soċjeta` konvenuta ġiet ordnata sabiex tippreżenta nota b'referenza għal kull fattura ppreżentata mis-soċjeta` attriċi sabiex tispjega fejn għandha oġġezzjoni u għaliex. Kif ukoll wara li hija ppreżentat diversi dokumenti sabiex issostni dak li hija ssejjaħ bħala żbalji (li kienu allura jinkludu fatturi u ħlasijiet li saru fl-2010), is-soċjeta` attriċi appellata wieġbet billi tat spjegazzjoni għal kull allegat żball li ressqet l-appellanti (ara Dok. JBXX a fol. 266 et seq. tal-proċess). Kwindi permezz tal-verbal tal-10 ta' Marzu, 2015, għal darb'oħra Anthony Schembri (rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta) ġie ordnat sabiex "*b'referenza għad-dokument JBXX jelenka dawk l-"items" li ma jaqbilx dwarhom.*" - ħaġa li r-rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta naqas li jagħmel. Fil-fatt l-ewwel Qorti permezz tad-digriet tagħha tas-16 ta' Ġunju, 2015, wara li qieset il-verbal preċedenti, qieset il-provi bħala magħluqa. Kunsidrat dan kollu, is-soċjeta`

konvenuta issa ma tistax tilmenta dwar dak li effettivament huwa nuqqas tagħha stess milli twettaq u għalhekk fir-rigward ta' dan l-ilment *imputet sibi.*

17. Is-soċjeta` appellanti ppruvat tirrimedja n-nuqqas tagħha permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet, fejn hemmhekk jirriżultaw ir-raġunijiet tad-diversi lmenti tagħha billi tingħata l-pożizzjoni tagħha għal kull fattura in kontestazzjoni, apparti li saru dikjarazzjonijiet li l-ħlasijiet li kienu saru preċedentement, saru "*on protest*", xi ħaġa li ma tirriżultax mix-xhieda ta' Schembri. Jingħad skjettament li dan mhux il-mod kif isiru l-kawżi. Il-provi m'għandhomx jitressqu permezz tan-noti ta' sottomissjonijiet u hija relevanti s-sentenza ċitata mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Altrimenti l-kontro-parti tiġi mċaħħda milli tikkontrasta dik il-prova permezz tal-kontro-eżami u dan bi preġudizzju għaliha. Kwindi qajla tista' s-soċjeta` appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tevalwa sew il-kontestazzjoni tagħha, meta kienet hija stess li naqset milli tressaq il-provi meħtieġa, inkluż id-dettalji dwar id-diżgwid li nqala' mas-soċjeta` appellata fuq ir-rati li ġew applikati fil-konfront tagħha.

18. Dan jorbot sewwa sew mat-tieni aggravju tas-soċjeta` konvenuta appellanti, dwar l-oneru tal-prova. Din il-Qorti taqbel mal-prinċipju msemmi mis-soċjeta` appellanti li min jallega jrid jipprova. Fil-fatt l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (Artikolu 562 tal-Kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan il-prinċipju huwa derivat mill-massima legali *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Fir-rigward il-materja ta' provi, relevanti hija s-sentenza mogħtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Tonna v. Philip Azzopardi***, fejn jingħad:

> *"a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu.* ***Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)*** *– Ara Vol. XLVI/i/5.*
>
> *b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
>
> *c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*
>
> *d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)"; (enfasi magħmul minn din il-Qorti).*

19. Filwaqt li, għalhekk, kien jispetta lis-soċjeta` attriċi appellata li tipprova l-kreditu minnha vantat, fin-nuqqas li tagħmel dan, jibqa' applikabbli l-prinċipju *actor non probante reus absolvitur.* Madankollu, huwa ritenut li s-soċjeta` attriċi appellata rnexxielha tipprova l-kreditu vantat minnha, peress li apparti mix-xhieda tad-diversi rappreżentanti tagħha u d-dokumenti esebiti in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha, l-istess soċjeta` konvenuta appellanti qatt ma kkontestat l-eżistenza ta' dak il-kreditu, iżda kienet qiegħda tikkontesta l-bilanċ mitlub minnha (ara kemm l-ewwel eċċezzjoni, kif ukoll ix-xhieda ta' Anthony Schembri (r-rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta) fejn jixhed hekk: *"...però dan l-aħħar ma ftehimniex fuq cirka €5,000.* ***Għar-rigward tal-bqija tal-ammont jiena ngħid ill għandi nagħtih****."* (fol. 111 tal-proċess).

20. Ġaladarba tkun saret il-prova attriċi, imbagħad l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-parti konvenuta biex, jekk jidhrilha, tressaq provi kuntrarji biex tqiegħed fid-dubju l-prova akkwiżita. Isegwi li kien jispetta lis-socjeta` konvenuta appellanti li tressaq provi li jikkonvinċu lill-Qorti dwar il-kontestazzjonijiet tagħha. (Ara f'dan is-sens, is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri), tat-23 ta' Ġunju, 2004, fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Brincat v. Anna Caruana***.)

21. Hekk ukoll, f'dan il-każ kien jispetta lis-soċjeta` konvenuta appellanti li tipprova l-iżbalji li hija tallega li saru da parti tas-soċjeta` attriċi

appellata. Għalkemm Anthony Schembri esebixxa stima (Dok AAL1 a fol. 372 tal-proċess), huwa xehed li kien qiegħed jibbaża d-diskrepanzi fil-fatturi tal-2010 fuqha, iżda kif ingħad qabel dawn il-fatturi tal-2010 mhumiex relevanti għall-mertu tal-każ in eżami. Jekk wieħed iħares lejn Dok AS 1, għalkemm hemm xi notamenti miktuba dwar l-allegati diskrepanzi, dawn ma jirriżultawx debitament sostanzjati bi provi xierqa ta' kif u għala kellu jsir it-tnaqqis pretiż. Fix-xhieda tiegħu tas-27 ta' Frar, 2014, Anthony Schembri jirreferi għal żbalji dwar *overtime,* rigward Valletta Gateway Terminals jew żieda fic-*charges* meta t-trakk ikun akkumpanjat minn xufier, iżda meta jirreferi għal *emails* li jsostnu l-argument tiegħu dawn ma jirriżultawx mill-imsemmi dokument. L-iskambju ta' diversi emails dwar is-suġġett jirriżultaw minn Dok ZB (esebit a fol. 187 et seq.) madankollu għal kull kontestazzjoni ta' żball, dan jinsab miċħud minn korrispondenza maħruġa mis-soċjeta` appellata. Kwindi diffiċilment dan l-iskambju ta' korrispondenza jista' jitqies konvinċenti in sostenn tad-difiża tas-soċjeta` appellanti. Similment fir-rigward ta' Dok. ZC (a fol. 213 et seq) għalkemm jingħata elenku tal-allegati żbalji fil-fatturi tas-soċjeta` attriċi li huma l-mertu tal-każ in eżami, li jammontaw għal €3,893.57, diffiċilment mid-dokumenti hemm annessi jista' wieħed jasal għal xi prova konvinċenti dwar it-tnaqqis pretiż mill-appellanti.

22. Anzi minkejja li tressqu diversi dokumenti da parti tar-rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta appellanti sabiex issaħħaħ l-

argument tagħha li saru l-iżbalji fil-konteġġi tal-attriċi, dawn ġew kontrastati da parti tas-soċjeta` appellata (salv l-ammont ta’ €150.59 li fuqhom l-appellanti ngħatat raġun u sar it-tnaqqis opportun), kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti a fol. 319 sa fol. 366 tal-proċess, fejn tingħata raġuni u prova sal-inqas dettall sabiex tispjega l-pretensjonijiet attriċi. Mill-aktar relevanti huwa l-fatt li, meta l-appellanti ngħatat iċ-ċans li tirribatti din l-aħħar prova mressqa da parti tas-soċjeta` attriċi appellata, hija naqset milli tirribattiha, salv meta kien tard wisq permezz tas-sottomissjonijiet tagħha, kif spjegat qabel. Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x’tiċċensura fir-rigward tal-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti jew dwar l-oneru tal-prova.

23. L-aħħar argument imressaq mis-soċjeta` konvenuta appellanti huwa dak dwar iċ-ċekkijiet li tħallew fil-pussess tas-soċjeta` appellata, salv wieħed minnhom li ssarraf fil-mori tal-proċeduri u liema ammont ġie ridott mill-pretensjonijiet attriċi. Dan sabiex l-appellanti ssostni li kellu jkun hemm temperament tal-ispejjeż u l-imgħax. Għalkemm permezz tal-eċċezzjonijiet tagħha u fix-xhieda mogħtija minn Anthony Schembri fil-bidu kienet fis-sens li ċ-ċekkijiet fil-pussess tas-soċjeta` attriċi setgħu jagħmlu tajjeb għal pretensjonijiet tagħha, peress li l-kontestazzjoni kienet titratta madwar €5000, fix-xhieda tiegħu tas-27 ta’ Frar, 2014, huwa xehed hekk: “ *Jiena kont nagħtihom cheques iffirmati mingħajr ammont u mingħajr data bil-kundizzjoni li l-iżbalji li jkun hemm jitranġaw...Jiena*

*kont bqajt bil-ftehim ma' Sullivan illi c-cheques jissarrfu meta l-kontijiet jitranġaw."* Huwa ritenut li din l-aħħar xhieda hija aktar verosimili u taqbel ma' dak li ngħad mill-impjegati tas-soċjeta` attriċi appellata (ara xhieda permezz ta' affidavit ta' Cynthia Farrugia u ta' Jesmond Zammit). Tant hu hekk li, fl-istess rikors tal-appell jingħad li r-rappreżentant tagħha dejjem insista li l-pagamenti kellhom isiru biss, u ladarba l-iżbalji jitranġaw.

24. Hekk ukoll, li kieku s-soċjeta` attriċi appellata verament setgħet issarraf iċ-ċekkijiet mingħajr problemi, ċertament hija kienet tevita li tressaq dawn il-proċeduri. Kien ikun aktar għaqli li kieku s-soċjeta` appellanti tħallas jew tawtorizza l-ħlas ta' dawk il-kontijiet li ma kenux ikkontestati, jekk kemm-il darba hija riedet temperament fir-rigward tal-ħlas tal-imgħax, iżda hija poġġiet kollox f'keffa waħda. Ġaladarba d-debitur ma jasalx li jipprova li kellu raġuni tajba li ma jħallasx, huwa jrid iwieġeb għad-danni, li fil-każ ta' obbligazzjoni li jkollha bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni tagħha, jikkonsistu fl-imgħax (ara sentenza ***Brincat v. Caruana*** ċitata qabel). Tajjeb jingħad ukoll li l-ħruġ taċ-ċekk da parti tad-debitur u l-pussess taċ-ċekk f'idejn il-kreditur, f'dan il-każ f'idejn is-soċjeta` attriċi appellata, fih innifsu, mhumiex prova li d-debitur ikun qeda l-obbligazzjoni tiegħu tal-ħlas sakemm l-istess ċekk ma jissarrafx.

25. Fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż, għalkemm huwa minnu li l-ammont oriġinarjament mitlub da parti tal-attriċi appellata tnaqqas b'€5,000, iżda

dan wara li sar ħlas fil-mori tal-proċeduri, minkejja li ċ-ċekkijiet ffirmati mingħajr ma kienu debitament mimlija kienu fil-pussess tas-soċjeta` appellata, din il-Qorti tinsab konvinta li dan il-ħlas seta' jsir biss wara li s-soċjeta` konvenuta awtorizzat tali ħlas u mhux qabel. Filwaqt li hawn ukoll, is-soċjeta` appellanti setgħet tnaqqas mill-ispejjeż billi tħallas dak li mhuwiex kkontestat, kif għamlet fil-każ tal-€5,000 li tħallsu fil-mori tal-proċeduri, hija baqgħet tirreżisti l-ħlas sakemm ma jkunux determinati l-kontestazzjonijiet kollha tagħha. Inoltre, ir-riduzzjoni tal-ammont ta' €150.59, riżultat tal-iżbalji li nstabu fil-fatturi huwa wieħed minimu li ma jimmerita l-ebda temperament fil-kap tal-ispejjeż. Għalhekk lanqas dan l-aħħar ilment tas-soċjeta` appellanti ma jistħoqqlu li jintlaqa'.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti tiddisponi mill-appell imressaq mis-soċjeta` konvenuta appellanti, billi filwaqt li tiċħad l-istess, tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Lulju, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjeta` konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da